TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 177/14-F

**Rachel Mifsud**

**vs**

**Borg Repairs & Spares**

Illum 9 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 ta' Awwissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), rappreżentanti ħlas għat-tiswija li għamlet għall-ħsarat li kellha fil-*washing machine* li qatt ma ttranġat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet il-*washing machine* għand l-intimat sabiex issewwiha. Meta ħaditha lura u ppruvatha din il-*washing machine* reġa' kellha l-ħsara u għalkemm reġgħu ħaduha għat-tiswija, l-*washing machine* xorta baqgħet bil-ħsara.

L-intimat issottometta illi vera mar jagħmel ir-riparazzjoni, pero' l-magna tagħha kienet qadima u l-*ispare part* li kien irranġa jiġifieri d-drum m'għadux jinħadem.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li kien għalhekk li kien hemm fatti kontributorji li setgħu waslu għall-fatt illi l-*washing machine* inkissret, pero' xorta jibqa' l-fatt illi r-riparazzjoni kellha ssir tajba u fil-ħin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888